# IL-PITTUR FRANCESCO ZAHRA U L-PARROĊĊA TA' BORMLA

min-Nutar Eugene F. Montanaro LL.D.

***Il-pittur Francesco Vincenzo Zahra, bin l-iskultur Pietro Paolo Zahra u Augustina neé Casanova, twieled l-Isla fil-15 ta' Diċembru 1710. Jingħad li kien alliev tal-qarib tiegħu, il-pittur Gio Nicola Buhagiar. Imma l-kuluri u l-kompożizzjoni ta' bosta kwadri tiegħu, jagħtu wieħed x'jifhem li hu kellu kuntatt dirett ma' l-iskola tal-pittura Naplitana. Bosta studjużi ta' l-Arti huma tal-fehma li Zahra bilfors għamel xi żmien jistudja l-pittura ġewwa Napli. Meta kellu madwar 22 sena, Zahra diġà beda jpitter kwadri ta' ċertu livell artistiku.*** [1]



Auto-pittura ta' Francesco Zahra

Fl-1743, Francesco Zahra, wara ż-żwieġ tiegħu ma' Teresa Fenech, mar joqgħod il-Belt, fejn kienet tgħammar il-familja ta' martu. Hu ma waqaf qatt mill-ħidma artistika tiegħu, u tista' tgħid li kull parroċċa ta' żmienu tiftaħar b'xi kwadru minn tiegħu. Miet ġewwa l-Belt nhar id-19 t'Awissu 1773, u ġie midfun fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu. Francesco Zahra baqa' jitqies bħala l-aqwa pittur Malti tas-seklu tmintax.

X'aktarx li l-aktar fonti importanti dwar ix-xogħlijiet tal-pittur Francesco Zahra, fil-Parroċċa ta' Bormla, hu l-manuskritt miktub mill-Kanonku Fortunato Panzavecchia, miżmum fl-Arkivju tal-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina.[2] Fortunato Panzavecchia, bin Giuliano u Maria neè Cremona, twieled l-Isla nhar il-11 t'Awwisu 1797. Kien direttur ta' l-iskejjel primarji u mbagħad segretarju ta' l-Università. Panzavecchia kien patrijott sinċier u studjuż ta' l-Istorja ta' Malta, kif jidher l-aktar fil-ktieb li kien ħareġ fl-1835 **"Ultimo Periodo della Storia di Malta Sotto il Governo dell'Ordine"**. Fuq kollox kien igħix l-Isla, tefa ta' ġebla 'l bogħod mill-parroċċa ta' Bormla, fejn jinsabu l-kwadri ta' Zahra li sejrin insemmu.

Francesco Zahra hu l-awtur taż-żewġ kwadri laterali li jinsabu fil-kor tal-knisja parrokkjali ta' Bormla. Dawn iż-żewġ kwadri juru l-Profeti u d-Dutturi mal-Bambin, kif ukoll Sant'Anna u San Ġwakkin mal-Madonna. Fost id-Dutturi ta' l-ewwel kwadru dlonk nilmħu 'l Duns Scotus



+ ikompli f'paġna 21

# FRANCESCO ZAHRA

+ *ikompli minn paġna 12*

liebes l-abitu, jew aħjar iċ-ċoqqa, tal-patrijiet Franġiskani Minuri (Ta' Ġiesu). Din ix-xbieha ta' Duns Scotus għandha rabta interessanti mal-familja tal-pittur Francesco. Fil-Manuskritt tiegħu, Fortunato Panzavecchia jagħtina l-arblu tar-razza tal-familja Zahra, u jfakkarna li ħu l-pittur Francesco Zahra, kien qassis. Imbagħad, Panzavecchia jgħarrafna li l-figura ta' Duns Scotus f'dan il-kwadru ta' Bormla, hi fil-fatt ritratt (**portrait**) ta' dan il-qassis.[3] Aħna nafu li Francesco Zahra kellu ħuħ iżgħar minnu jismu Benedetto, li kien ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1753, u li kien miet l-Isla nhar l-4 ta' Diċembru 1766.[4]

Għalhekk, fi ftit kliem, f'dan il-kwadru laterali ta' Bormla x'aktarx għandna ritratt ta' Dun Benedetto Zahra, ħu l-pittur Francesco. U hawnhekk ta' min ifakkar ukoll li Francesco Zahra kien pitter ritratt ta' Patri Pelagio, Kapuċċin, f'wieħed mill-kwadri laterali li juru xeni mill-ħajja ta' San Filep, fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Milli jidher, Francesco Zahra kellu d-drawwa ħelwa li jpinġi ritratti ta' ħbiebu u tal-familjari tiegħu fil-kwadri laterali li kien jiġi mqabbad ipitter għall-parroċċi ta' ġżiritna!

Fil-knisja parrokkjali ta' Bormla, il-kwadru ta' San Kristofru flimkien ma' San Rokku, Sant'Anna, San Ġwakkin, Sant'Agata u San Ġużepp u l-Madonna bil-



Kopja mid-Dokument ta' Panzavecchia li turi li l-figura ta' Duns Scotus hi ta' ħu l-pittur, Beneditto (saċerdot). Turi wkoll l-arblu tar-razza.

+ *ikompli f'paġna 23*






# FRANCESCO ZAHRA

*+ ikompli minn paġna 21*

Bambin, huwa attribwit lil Francesco Zahra.[5] Hekk ukoll il-kwadru li juri ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina.[6]

Fl-Oratorju tal-Kurċifiss, ma' ġenb il-knisja parrokkjali ta' Bormla, il-kwadru titulari ta' Kristu qed jitniżżel minn fuq is-Salib, huwa xogħol ta' Francesco Zahra.[7] Ta' min igħid ukoll li f'dan l-Oratorju nistgħu nammiraw żewġ gruppi ta' statwarji fil-ġebla Maltija li jirrappreżentaw xeni



mill-Passjoni ta' Kristu, xogħol ta' missier Francesco, l-iskultur Pietro Paola Zahra.[8]

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' April 1833, il-Kanonku Fortunato Panzavecchia flimkien mal-pittur Tomaso Madiona bdew jagħmlu żjarat fil-knejjes Maltin sabiex iħejju studju analitiku dwar il-pittura f'Malta: **"Pell'esame e pello studio analitico dei quadri nostrali"**. L-ewwel post li żaru kienet il-knisja ta' San Pawl ta' Bormla. Wara din iż-żjara, Panzavecchia kiteb li fil-knisja ta' San Pawl hemm żewġ kwadri ta' Zahra: "il-kwadru ta' Santa Katarina **ed un rotondo del medesimo Zahra posto al di sotto di S. Caterina."** [9]

Bla tarf huwa l-għadd ta' kitbiet oħra li dehru dwar il-pittur Francesco Zahra, l-aktar wara l-wirja tax-xogħlijiet tiegħu li saret fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina fl-1986. Imma xieraq jingħad ukoll li għad fadal ħafna vojt f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma artistika u l-ġrajja umana ta' dan il-pittur Senglean. Nittamaw li fil-ġejjieni niltaqgħu ma' dokumentazzjoni soda li twasslilna aktar tagħrif ċar dwar ix-xogħlijiet li ħalla l-pittur Francesco Zahra fil-limiti tal-Parroċċa ta' Bormla.

## RIFERENZI


1. Għall-bijografija ta' Francesco Zahra, ara E.F. Montanaro, **Materials For the Life of Francesco Vincenso Zahra** fil-Katalogu **Francesco Zahra**, Mdina, 1986.
2. Ara A.C.M., **Fondo Pan.**, Vol. 84, f.340r.
3. **Ibid.**
4. Ara E.F. Montanaro, **op. cit.**, p. 15.
5. Ara C. Galea Scannura, **Tagħrif Storiku Dwar Il-Knisja Parrokkjali Ta' Bormla,** Malta, 1983, p.18.
6. **Ibid.**
7. **Ibid.**
8. **Ibid.** Ta' min igħid li C. Galea Scannura għamel riċerka fl-arkivju tal-Fratellanza ta' Kurċifiss. Iż-żewġ gruppi statwarji l-oħra tal-Passjoni huma ta' l-iskultur Francesco Fabri.
9. A.C.M., **Fondo Pan.**, Vol. 81, f.238.r. Hawnhekk, fost ħwejjeġ oħra, Panzavecchia kiteb dan li ġej: **"Domenica, 14 Aprile 1833, in unione del Sigr. Madiona, pittore di professione, incominciai le scorre già da tempo meditate pell'esame e pello studio analitico dei quadri nostrali. La Chiesola di San Paolo in Burmola è stato il primo luogo delle nostre visite."**





**ANTOINE PHOTO STUDIO**

**(FUQ SAN PAWL)**

**56, St Francis Street, Cospicua.**

Tel. 828077/224117

Fejn tista' tibbukkja għal ritratti tat-Tieġ u Engagement.

PROFESSIONAL VIDEO ALSO AVAILABLE. **(PREZZIJIET MODERATI)**

ISSIBU WKOLL VARJETA' KBIRA TA' ALBUMS U FRAMES TAR-RITRATTI.